Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas li jadotta, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Marzu 2002, li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni ta' l-impjegati fil-Komunità Ewropea — Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni fuq ir-rappreżentazzjoni ta' l-impjegati (ĠU L 80, p. 29).

Dispożittiv

1) Peress li ma adottax, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi meħtieġa biex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Marzu 2002, li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni ta' l-impjegati fil-Komunità Ewropea, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu naqas li jwettaq l-obbligi imposti fuqu skond din id-Direttiva.

2) Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu huwa kkundannat ibati l-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) ta' l-14 ta' Ġunju 2007 — Il-Kummissjoni vs L-Iżvezja

(Kawża C-333/06)

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Regolament (KE) Nru 261/2004 — Trasport bl-ajru — Passiġġieri li ma jitħallewx jitilgħu u kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjira — Kumpens u assistenza lill-passiġġieri — Adozzjoni ta' sanzjonijiet"

Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Eżami tal-mertu mill-Qorti tal-Ġustizzja — Sitwazzjoni li għandha tittieħed in kunsiderazzjoni — Sitwazzjoni fl-iskadenza tat-terminu stabbilit mill-opinjoni motivata (Artikolu 226 KE) (ara l-punt 10)

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas li jadotta d-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jikkonforma ruħu ma' l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Frar 2004, li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza lill-passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU L 46, p. 1) — Adozzjoni ta' sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Dispożittiv

1) Billi naqas milli jadotta sanzjonijiet għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Frar 2004, li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91, ir-Renju ta' l-Iżvezja naqas mill-obbligi li huwa għandu bis-saħħa ta' l-Artikolu 16 ta' dan ir-regolament.

2) Il-bqija tar-rikors huwa miċħud.

3) Ir-Renju ta' l-Iżvezja huwa kkundannat ibati l-ispejjeż.